

# Il-Kurċifiss jew aħjar il-Kurċifissi ta' Kandja ġewwa Bormla

## *It-Tieni Kurċifiss mill-Belt ta' Kandja?*

**Dr. Simon Mercieca**

Fil-ħarġa tal-*Programm tal-Festi tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Belt ta' Bormla* ppubblikat is-sena l-oħra (2009), tkellimt b'ċertu dettall dwar il-kurċifiss li llum iżejjen il-kappella tal-Kurċifiss fil-knisja ta' Bormla. Fit-titlu ta' dan l-artiklu kont indikajt il-probabbiltà tal-eżistenza ta' aktar minn kurċifiss wieħed li seta' nġieb mill-gżira ta' Kandja qabel ma din waqgħet f'idejn it-Torok fl-1669. F'dan l-artiklu nixtieq nidħol fi ftit aktar dettal dwar kurċifiss ieħor li jinsab f'Bormla li probabbilment inġieb ukoll minn din il-belt Venezjana ta' Kandja ġewwa Kreta fil-baħar Eġew.

Meta Sandro Debono ħareġ il-ktieb tiegħu dwar numru ta' kurċifissi li jinsabu fil-knejjes tagħna, taħt l-isem bil-Latin ta' *Imago Dei*, huwa tkellem fid-dettal dwar il-kurċifissi li nġiebu minn Kandja. Nafu issa li nġiebu tliet kurċifissi. Tnejn kbar; wieħed jinsab il-Birgu jżejjen l-artal tal-kurċifiss fil-knisja ta' San Lawrenz u t-tieni jinsab Bormla fuq l-artal tal-Kurċifiss. Debono jidħol fid-dettal ta' kif wasal f'Malta dan il-kurċifiss ta' Bormla. Permezz tal-istudju ta' Debono, issa nafu wkoll li ma' dan il-kurċifiss kbir li qiegħed Bormla kien inġieb ieħor ta' daqs iżgħar. Ma' dan il-kurċifiss kienu nġiebu wkoll oġġetti sagri oħra li jintużaw biex iżejnu l-artali (probabbilment gandlieri jew vażuni) kif ukoll vent'artal. Dawn kollha kienu ttieħdu mill-istess knisja ġewwa Kandja. Maż-żmien dawn id-dettalji kollha ntesew speċjalment il-wasla ta' dan it-tieni kurċifiss. Intesiet ukoll il-wasla ta' dawn l-oġġetti l-oħra minn Kandja. Fil-ktieb tiegħu, Debono jitkellem dwar minn kienu l-protagonisti wara l-wasla ta' dawn ż-żewġ kurċifissi u anke kif kienu nġarru u x'kien inġieb magħhom.

## Il-Protagonisti wara dawn il-Kurċifissi

Dawn iż-żewġ kurċifissi nġiebu mill-knisja ta' San Pietru li kienet tinsab fil-belt ta' Kandja. Din kienet knisja f'idejn il-patrijiet Dumnikani. Kif kont

spjegajt fl-artiklu l-ieħor, din kienet knisja li tappartjeni għar-rit Latin. Minn dan l-istudju ta' Debono, nafu li minn din il-knisja kienu salvati żewġ kurċifissi, wieħed kbir li llum qiegħed Bormla u ieħor ħafna iżgħar fid-daqs. Dwar dan it-tieni kurċifiss ma nafu xejn aktar. Lanqas ma nafu x'kien sar mill-oġġetti sagri l-oħra li kienu nġiebu miegħu minn din il-knisja. Minn din il-knisja kienu salvati wkoll erba' kolonni polikromatiċi u nduranti, xi gandlieri u vent'artal. F'dan il-każ ukoll ntilef kull traċċa tagħhom. Dawn l-oġġetti kollha kienu nġarru fuq it-tartana mill-belt ta' Kandja, biex ma jaqgħux f'idejn it-Torok u b'hekk ġew salvati minn qerda żgura. Kif kien jiġri f'sitwazzjonijiet simili tul il-gwerer li kellhom fihom lemħa reliġjuża, dak kollu li kien jappartjeni għar-rit tar-Religjon telliefa kien jiġi mkisser u meqrud jekk m'hux ukoll desagrileġġjat.



Salib Grieg wara r-restawr tal-injam mis-Sur Muscat

Fl-istudju tiegħu, Debono jagħti l-ismijiet ta' żewġ personaġġi li kienu ġarrew dawn l-oġġetti sagri. Fil-kitba tas-sena li għaddiet, jien kont aċċennajt li kemm il-kaptan tat-tartana, Bartolomeo Cristiano u l-personaġġ l-ieħor Gio Angelo Balzan kienu joqogħdu Bormla. Dan jispjega il-għala finalment dan il-kurċifiss il-kbir spiċċa Bormla u naħseb li jkun qiegħed jingħad tajjeb li miegħu spiċċaw Bormla l-oġġetti l-oħra salvati mill-knisja ta' San Pietru ġewwa Kandja.

F'dan l-istudju nixtieq nagħti ftit aktar informazzjoni dwar dawn it-tnejn minn nies. Mir-riċerka li għamilt jirriżulta varjazzjoni fl-isem ta' Cristiano. Skond dokumentazzjoni li ġiet konsultata minn Debono, l-isem ta' Cristiano huwa Barthassar. Issa minn riċerka li għamilt fl-arkivju parrokkjali ta' Bormla, ma teżisti ebda



Dettall tal-wiċċ tas-salib Biżantin qabel ir-restawr

persuna li ġġib l-isem ta' Barthassar Cristiano. Biss f'dan il-perjodu ta' nofs is-seklu sbatax teżisti familja waħda bil-kunjom ta' Cristiano u din hija ta' Bartolomeo Cristiano. Hawn wieħed irid jgħid li f'dan il-perjodu, ir-registri parrokkjali ma tantx kienu jagħmlu differenza bejn l-isem ta' Barthassar u Bartolomeo. Dawn kienu jħalltuhom u għalhekk, ma għandux ikun hemm dubju li dawn iż-żewġ persuni huma l-istess individwu. Ir-raġuni għal din il-konfużjoni fl-isem tista' tkun ukoll faċilment spjegata u ġejja mill-fatt li kemm f'dik li hija pronunzja u fil-mod ta' kitba, Bartolomew u Barthassar għandhom similitudini jew xebħ apparenti ħafna.

Fuq kollox, minn din ir-riċerka joħroġ il-fatt li dan Cristiano kien Grieg. Iż-żwieġ tiegħu ma jinsab f'ebda parroċċa tal-Kottonera u fil-parroċċi prinċipali l-oħra ta' Malta. Ebda informazzjoni dwaru ma nsabet fil-*iStatus Liber,i* jiġifieri dik id-dokumentazzjoni tal-knisja li titkellem dwar il-barranin li jitolbu biex jiżżewġu f'Malta. Qabel ma dawn kienu jiżżewġu kienu jintalbu biex jippruvaw li ma kinux miżżewġa x'imkien ieħor. Il-probabbiltà hi li dan kien wieħed minn dawk li ħarbu minn Kandja bil-familja u ġie Malta. Cristiano għażel li jmur joqgħod f'Bormla. Infatti, f'Bormla kienu jirreferu għalih bħala Grieg. Hu kien miżżewweġ lil Mariuzza. F'Bormla, Cristiano kellu numru ta' tfal li kollha ġew mgħammda ġewwa din il-knisja parrokkjali u dawn kienu Gio Nicolao (07-03-1659), Angeluzza (22-11-1660), Maddalena (12-03-1663), Fabrizio (20-09-1665), Carlo (29-12-1667), Clemenza (08-04-1670) u Antonio (06-11-1673).

Anke Gio Angelo Balzano kien minn Bormla. Twieled ġewwa Bormla nhar 31-07-1638 bin Giuseppe u Imperia Roncato. Hu żżewweġ lil Filippa Briffa fil-Birgu nhar 23 ta' Jannar 1661. Hu mar joqgħod f'belt twelidu, Bormla, fejn kellu numru ta' tfal fosthom Ludovico (22-02-1663), Giuseppe (17-03-1665), Giuseppe (26-02-1668), Anna (18-02-1671), Mattea (29-03-1672), Imperia (13-09-1677), Maddalena Lorenza (10-09-1680), Maria (19-09-1684) u Caterina (01-03-1686).


**Dettall ta' wiċċ Kristu**

## It-tieni salib minn Kandja?

Matul riċerka li kont qiegħed nagħmel ġewwa l-istess knisja ta' Bormla, kelli l-opportunità li niġi wiċċ imb'wiċċ ma' salib żgħir li kien

jintuża fil-passat fuq l-artal maġġur. Dan is-salib kellu storja mqallba sew għaliex minn informazzjoni li ġejt mogħti jidher li kien inseraq u reġa' nġieb lura bil-qrar. Dan is-salib jidher li hu xogħol li jmur għas-seklu sbatax. Hu salib miżbugħ skur kważi iswed. It-terħa kienet indurata bid-deheb. Biss kontra dik tas-salib il-kbir ta' Kandja, din hija iċken u ma tgħattix il-qadd kollu ta' Kristu. Dan hu fattur li jindika li hu anqas qadim minnu. Il-pali tas-saqajn ta' Kristu huma fuq xulxin. L-artist ried biss jipproġetta pożizzjoni ta' tbatija f'dan il-kurċifiss. Hija ħasra li waħda mill-pali tal-idejn intilfet għal kollox waqt li l-oħra għandha s-swaba kważi kollha neqsin. Anke wħud mis-swaba tas-sieq intilfu waqt li s-saqajn tkissru riċentement u ġew imwaħħla ma' xulxin bil-*glue*. Biss kienu magħmula f'din il-pożizzjoni biex jirriflettu pożizzjoni ta' tbatija. Anke kif skolpiti l-muskoli tal-ġisem jirriflettu din it-tbatija waqt li l-kustat huwa muri, bħal ma hu dak tal-korp tas-salib ta' Kandja f'pożizzjoni miftuħa ħafna. Fuq kollox, l-artist juri r-raffinatezza tiegħu fl-injam fejn saħanistra joqgħod attent li jġib jidhru snien Kristu waqt li jipprova wkoll juri sintomi ta' tbatija fil-pożizzjoni tas-swaba' tas-saqajn anke jekk huma skolpiti  kemmxejn dritti. F'dan il-kuntest, hija ħasra li s-swaba' tal-idejn kważi intilfu. Biss minn dak li fadal jidher li l-artist ipprova joħloq il-pożizzjoni tat-tlett iswaba' l-kbar miftuħa u tnejn iż-żgħar magħluqa jiġifieri Kristu qiegħed f'pożizzjoni li jbierek in-nies minn fuq is-salib waqt li simbolikament qiegħed jagħmel riferenza bis-swaba' għat-Trinità l-Qaddisa – tliet persuni f'Alla wieħed. Hekk għandna għal darba oħra referenza teoloġika li din m'hix xi mewt ta' xi bniedem komuni. Għandu fih ukoll referenza medjovali dik dwar il-moviment voldieri fil-pożizzjoni li ngħata Kristu f'dan il-korp, dan l-artist ukoll ipprova jipproduċi dawk it-tliet fażijiet mill-aħħar mumenti fuq is-salib; (a) il-mument li fih qiegħed jgħid il-kelmiet, (b) l-aħħar nifs u (ċ) Kristu mejjet fuq is-salib. L-akbar varjazzjoni f'dan il-kurċifiss hija fil-pożizzjoni tat-terħa li kif ġa spjegajt ma tgħattix il-qadd kollu ta' Kristu iżda tħalli parti mil-laħam jidher waqt li kontra ta' dik medjovali, hija ta' xeħta 'misluta' u tasal sa fuq il-koxxa. Dan huwa sinjal li jindika li dan il-kurċifiss hu xogħol li jmur lura għas-seklu sbatax.

Jidher li huwa salib ta' produzzjoni vernikolari magħmul biex iqanqal devozzjoni lejn it-tbatijiet ta' Kristu. Jista' jkun xogħol li sar lokalment, biss jista' jkun ukoll, xogħol li nġieb minn barra u forsi anke dan hu l-istess salib żgħir li d-dokumenti jitkellmu dwaru li kien ittieħed minn Kandja mill-kaptan Bartolomeo Cristiano u nġieb Malta mal-kurċifiss il-kbir ta' Kandja. Li hu żgur, li r-ras ta' Kristu f'dan il-kurċifiss żgħir hija skolpita b'mod li artistikament ma tappartjenix għat-tradizzjoni Latina użata f'dik il-ħabta ġewwa Malta anzi kważi kważi tfakkrek fl-arti Biżantina. Fi kliem ieħor, l-artist seta' pprova jimita fl-injam is-sura ta' uċuh ta' Kristu msallab

kif kienu jkunu raffigurati fuq l-ikoni Biżantini ġewwa Kandja u fid-dinja Biżantina. Anzi l-fatt li t-terħa hija ndurata bid-deheb jista' jagħti prova oħra li dan mhux prodott lokali. Fis-slaleb Maltin, it-trieħi kienu b'mod ġenerali jkunu mpittra bojod. Il-fatt li t-terħa hija ndurata bid-deheb tirrifletti tradizzjoni orjentali fejn l-artist ipprova jagħti glorja divina lill-bniedem imsallab u jkompli t-tradizzjoni Biżantina li turi permezz tal-użu tad-deheb, materjal irjali, li l-bniedem fuq is-salib m'hux xi bniedem kwalunkwe iżda Alla. Li hu żgur hu li dan is-salib żgħir hu salib importanti ħafna. Naħseb li wasal anke ż-żmien li jsir studju tal-valur intrinsiku tiegħu. Huwa importanti għalhekk li tinsab eżattament il-provinjenza tiegħu. Fil-kuntest li dan is-salib qiegħed fil-Knisja ta' Bormla fejn spiċċa wkoll salib ieħor akbar li kien fi knisja f'Kandja, wieħed ma jistax jeskludi l-fatt li dan it-tieni salib, nġieb wkoll mill-istess knisja ġewwa Kandja.

Ħaġa ta' interess f'dan il-kurċifiss hija li ma għandux traċċi ta' demm fuqu. L-uniku idea li wieħed jista' jieħu tal-passjoni ta' Kristu ġejja mill-kulur taż-żebgħa tal-kurċifiss, jiġifieri dak ta' aħmar skur ħafna li hu kważi iswed. F'din is-swidija hemm traċċi tal-kulur aħmar. Dan l-aspett jidħol fid-dialettika diskussa fuq, jiġifieri l-idea tal-unità li dan l-bniedem fuq salib kellu ma' Alla. Id-dinja Ortodossa kienet tenfasizza din l-idea ta' divinità billi jevitaw li juru lil Kristu fuq is-salib bħala bniedem sofferenti u dan kien isir biex ikun evitat li wieħed jaħseb li dan kien biss bniedem komuni. Il-Griegi kienu jassoċċjaw din id-dinjità ma' l-immaġini ta' Alla. L-artist kien jipprova joħrogħa billi jiskolpi figura li turi bniedem li għandu ċertu dinjità u regalità li tittraxxendi l-immaġini umana ta' bniedem li miet fuq salib wara tbatija kbira.

F'din id-djalettika, m'hux ċert jekk dan il-kurċifiss kellux kuruna tax-xewk. Fuqu nstabet kuruna tax-xewk magħmula mid-drapp. M'hux magħruf l-oriġini tagħha, jiġifieri jekk kinetx fuqu fiż-żmien passat jew tqiegħdet meta twaħħlet ir-raġġiera tal-landa li kien hemm fuqu. Probabbilment m'hix waħda oriġinali u twaħħlet wara. Wisq probabbli li dan ma kellux kuruna tax-xewk ħalli l-espressjoni ta' wiċċu tkun waħda aktar ta' regalja u divinità kif inhija maħsuba fid-dinja orjentali.

Wieħed irid jgħid li teżisti problema dwar id-derivazzjoni ta' dan il-kurċifiss jiġifieri kif eżattament wasal fil-knisja ta' Bormla. Biss anke jekk warajh, kif ġa spjegajt hemm storja ta' serq, il-fatt li kien ritornat il-knisja ta' Bormla naħseb li hija indikazzjoni ċara ta' fejn kien oriġinarjament. Meta wieħed iqis l-istil tiegħu, jiġifieri dak Grieg Biżantin, iżda li għandu rabta mal-knisja kattolika (u m'hux dik Ortodossa) dan il-kurċifiss huwa t-tieni kurċifiss żgħir li ttieħed mill-knisja ta' San Pietru f'Kandja u spiċċa f'din il-knisja ta' Bormla. Għalhekk f'Bormla naħseb li jkun aktar ġust li wieħed

jitkellem dwar żewġ kurċifissi minn Kandja u m'hux kurċifiss wieħed. Iżda l-istorja ta' dan it-tieni kurċifiss tidher li ntilfet u naħseb li jkun xieraq li dan l-oġġett, li huwa wieħed ta' preġju artistiku, jingħata l-importanza u l-istudju li jixraqlu.



**Ix-xbieha tal-Kurċifiss**

Ma għandux ikun hemm dubju li meta dan is-salib wasal Bormla, dan tqiegħed fuq l-artal maġġur jew xi post prominenti ieħor. Id-daqs tiegħu juri li dan kien salib maħdum għal fuq l-artal maġġur, f'sistema ritwali antika fejn is-salib ta' bejn il-gandlieri tax-xema' kien ikun wieħed kbir u ma jagħmilx parti mis-sett tal-gandlieri.

Forsi prova oħra li tkompli turina li dan il-kurċifiss kien f'Bormla hija referenza li kienet saret fil-qorti tal-Inkwiżizzjoni. Dan il-fatt ġie prodott mill-istoriku Frans Ciappara fil-ktieb tiegħu *Society and the Inquisition in Early Modern Malta*, pubblikat mill-P.E.G. fit-2001. Ciappara jirrakkonta li eżattament qabel ma faqqgħet il-pesta f'Malta fl-1676, mara mill-Birgu qalet li l-kurċifiss tal-Birgu huwa isbaħ minn dak ta' Bormla għaliex dan il-kurċifiss ta' Bormla huwa ikreh daqs wild minn mara sewda. Dan il-kumment sar għaliex Bormla kellha kurċifiss li kien iswed waqt li dak tal-Birgu kellu karnaġġjon aktar ċar. Issa ż-żewġ kurċifissi li nġiebu minn Kandja huma suwed, biss dan iż-żgħir huwa aktar iswed mill-kbir li hemm illum fuq l-artal tal-kurċifiss. Dan il-kumment ġabilha inkwiet kbir lil din il-mara għaliex spiċċat quddiem l-inkwiżitur. Kumment bħal dan juri li ċerti tendenzi ta' razziżmu huma qodma fostna waqt li jitfgħu dawl ukoll dwar il-pika bejn dawn l-inħawi. Din il-pika hija waħda li għandha għeruq fondi ħafna.

Naħseb li din ir-referenza kienet saret lejn dan il-kurċifiss iż-żgħir li minħabba l-kulur iswed tiegħu beda jkun meqjus bħala kurċifiss li jixbah lis-suwed u forsi din kienet ir-raġuni għaliex maż-żmien twarrab u postu ħadu salib bil-korp abjad magħmul mill-avorju. In fatti, dan it-tieni kurċifiss huwa bil-wisq aktar iswed mill-kbir li hemm illum fuq l-artal dedikat lilu. Għalhekk naħseb li waqt li din il-mara kienet qiegħda tirreferi għal dan il-kurċifiss kbir, f'moħħha kellha aktar dan iż-żgħir li għadu kif reġa' nsab ġewwa Bormla. Fil-kuntest kontemporanju, fejn *'issues'* ta' kulur u razza qegħdin jergħu jerfgħu rashom, dan id-dettal hu importanti għax juri kemm kienet miftuħa

s-soċjetà f'Bormla f'dan il-perjodu. Juri l-aspett tal-universalità tal-Knisja u l-aċċettazzjoni ta' din l-università f'Bormla. Illum f'dinja fejn qiegħed isir aktar diskors dwar id-djalogu interkulturali, il-metafora li joffri dan il-kurċifiss, permezz tal-kulur iswed tiegħu, tieħu importanza ġdida.

## Il-Proċess ta' Restawr

Il-pass naturali li kien imiss kien dak li dan il-kurċifiss jiġi restawrat. Infatti, dan il-kurċifiss ħareġ fid-deher meta ntweriet ix-xewqa li kandilabru tal-kurċifiss li kien miksur u li fil-passat kien jintuża fuq l-artal maġġur fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju jiġi restawrat. Peress li dan il-kandilabru kien litteralment f'ħafna biċċiet wara li kien tkisser fit-Tieni Gwerra Dinjija, kellu l-korp tiegħu nieqes. Matul it-tfittxija għalih ħarġu numru ta' korpi miksura li kien hemm merfugħa fil-bini tal-knisja, fosthom wieħed tal-kartapesta li se jinbagħat għar-restawr dalwaqt tul din is-sena u li kien jintuża għal fuq il-pulptu u t-tieni kien il-korp ta' dan il-kurċifiss. Kien instab il-korp tal-kurċifiss ta' dan il-gandlier waqt li kien ħareġ ukoll dan il-kurċifiss qadim iswed.

Meta rajt dan il-kurċifiss, kif ġa spjegajt aktar 'il fuq, indunajt li kien ta' valur inestimabbli. Biss restawr bħal dan kien jitlob ukoll ħsieb u programm ta' studju. L-ewwel ried jiġi stabbilit it-tip ta' injam li kien magħmul minnu. Dan il-kurċifiss jidher li hu maħdum minn tip ta' *yellow pine* (injam tal-abjad jew aħjar punett) partikolari li wieħed ma tantx jiltaqa' miegħu f'Malta tul dan il-perjodu tas-seklu li nħadem fih. Dan ikompli jikkonferma li m'hux xogħol lokali u li dan inġieb minn barra. Fuq kollox dan il-kurċifiss kien maħdum fi tliet biċċiet. Il-korp huwa biċċa xogħol waħda, il-parti t'isfel tas-saqajn kienu magħquda, jiġifieri il-pali kienu magħquda b'mod naturali fuq xulxin. Imbagħad, l-iskultur għamel iż-żewġ idejn u ikkrea minċott biex iwaħħalhom mal-bqija tal-korp.

Tul iż-żmien, dan il-kurċifiss ġarrab għadd ta' ħsarat. L-aħħar waħda kienet ukoll riċenti meta dan twaqqa' u nkiser is-subgħa l-kbir tas-sieq il-leminija. Jidher li f'din il-waqgħa kienu nkisru wkoll is-saqajn. Dawn iż-żewġ saqajn twaħħlu b'mod delettantesk bil-kolla, xi tip ta' *super glue*, li hija waħda mill-agħar kolol li wieħed għandu juża għal dan it-tip ta' xogħol. Imbagħad kien hemm ħsarat oħra bħalma huma dawk li għandu mitlufa l-pala tal-id il-leminija u wkoll erba' swaba tal-id ix-xellugija. L-aspett ta' nuqqas ta' kura reġa' ħareġ mill-fatt, li xi ħadd waħħallu diadema tal-landa wara li dik oriġinali intilfet. L-oriġinali kienet inwaħħla b'delikattezza permezz ta' musmar irqiq. Il-ġdida twaħħlet ġo nofs rasu permezz ta' użu ta' vit goff, li kellu diametru wiesa' kważi żewġ millimetri. Qiegħed ngħid dawn l-affarijiet biex wieħed jitgħallem li meta jiġru l-ħsarat ma jaqbadx u jsewwi bl-addoċċ,

iżda jitlob l-għajnuna ta' min jifhem ħalli l-ħsara tiċkien u m'hux tiżdied.

Għalhekk il-fażi tar-restawr inqasmet fi tnejn. Fl-ewwel fażi kien hemm ir-restawr ta' injam jiġifieri li jiġu kreati l-affarijiet in-nieqsa li kellu dan il-kurċifiss. Ix-xogħol ta' restwar kien jitlob li jerġgħu jiġu skolpiti fl-injam il-pala ta' l-id nieqsa. L-istess sar għas-swaba' l-oħra li kienu mitlufa. B'paċenzja kbira reġgħu ġew rikostruwiti s-swaba n-nieqsa tal-id ix-xellugija. Kien grazzi għal din l-id, u l-eżistenza ta' numru ta' biċċiet żgħar mis-swaba, li stajna nerġgħu nibnu l-pożizzjoni tas-swaba', jiġifieri li dan il-kurċifiss kellu l-pożizzjoni ta' Kristu qiegħed ibierek in-nies bi tliet swaba' miftuħa u tnejn magħluqa.

Dan ifisser li ma ntuża ebda tip ta' 'pasta' biex issir ir-rikostruzzjoni tal-partijiet il-mitlufa li tippermetti li jerġgħu jiġu modellati l-partijiet u wara li tinxef u ssir iebsa daqs l-injam, tiġi raffinata. Minflok reġa' ntuża materjal ħaj, jiġifieri njam (li mhux xi ħaġa sintetika bħal 'pasta') u nħadmu bl-idejn mill-ġdid. Dan sar biex tkun rispettata s-sagralità ta' dan l-oġġett.

Dan il-kurċifiss kellu wkoll l-idejn maqlugħa mid-driegħ. Dawn reġgħu twaħħlu fejn kienu. Maż-żmien dan il-kurċifiss kien sofra xi ħsarat oħra. Kien waqa' u ż-żewġ saqajn inkissru u tqaċċtu minn mal-korp. Kif ġa spjegajt, kienu reġgħu twaħħlu f'posthom b'mod delettantesk u b'kolla ħażina li normalment tintuża fid-djar, xi tip ta' *'super glue'*. Kellhom għalhekk jerġgħu jinqalgħu. Proċess li ħa ċertu ammont ta' ħin għaliex dawn riedu jinqalgħu bla ma ssir ħsara. Wara li nqalgħu reġgħu twaħħlu f'lokhom kif suppost. Fuq kollox, dan il-kurċifiss kellu xi swaba' tas-sieq nieqsa li tkissru wkoll meta kien sofra minn waqgħa. Dawn reġgħu inħadmu fl-injam. Dan ix-xogħol għamlu l-imgħallem Toninu Muscat.

Fuq kollox dan l-oġġett kien sofra wkoll minn attakk tas-susa. Kien għalhekk li kellha tingħata kura kontra s-susa billi ġiet injettata kimika apposta permezz ta' użu ta' siringi f'kull toqba tas-susa li kellu dan il-kurċifiss.

Wara li tlesta x-xogħol ta' rikostruzzjoni tal-partijiet nieqsa kien imiss biex dawn il-partijiet jerġgħu jinżebgħu mill-ġdid u jiġi mnaddaf. Iż-żebgħa inġiebet apposta mill-belt ta' Nizza fejn għad hemm kumpanija li taħdem iż-żebgħa b'mod tradizzjonali u artiġjanali. In fatti, kien għand din il-kumpanija partikolari li nstabet żebgħa li taqbel eżattament mal-kulur tal-korp ta' dan il-kurċifiss.

Hawn intalbet il-għajnuna ta' Dr Keith Sciberras u issa permezz tal-użu ta' restawraturi professjonali, dan il-kurċifiss tnaddaf. Għal dan ix-xogħol tqabbdet il-kumpanija Recoop li ħadet ħsieb tnaddfu u terġa' ġġibu għal kif kien fl-istat oriġinali tiegħu. B'hekk permezz ta' dawn l-interventi kollha, dan il-kurċifiss reġa' ngħata s-sbuħija li kellu meta ħeles milli jintilef għal dejjem f'id l-għedewwa.

Wara dan ir-restawr reġa' ħareġ il-kulur sabiħ fl-iswed tiegħu u wkoll l-induratura tad-deheb tal-perizonium tiegħu – fi kliem ieħor reġa' ħareġ il-kuntrast oriġinali bejn id-deheb u l-kulur ta' dan il-korp, waqt li issa wieħed jista' jerġa' jibda japprezza s-sbuħija ta' dan is-salib, u jifhem għaliex ittieħed minn Kandja biex ma jaqax f'idejn il-Mislem u meta wasal Bormla, reġgħu qegħduh fuq l-artal il-maġġur.

Issa kien jonqos li jsir is-salib ta' dan il-kurċifiss għaliex dan ma kellux wieħed wara li dak orġinali ma nstabx aktar. Din il-biċċa xogħol ħa ħsiebha Toninu Muscat. Huwa offra li tintuża fallakka li hu għandu tal-injam tal-qastan. Din il-fallakka antika u tmur lura għal kważi ż-żmien ta' dan l-istess kurċifiss. Kienet oriġinarjament travu ta' dar antika li missier Toninu, li kien mastrudaxxa prim, kien qatta' biex għamilha twavel. Imbagħad kien uża dan l-injam biex għamel l-arkivju mużikali tas-soċjetà tal-Isle Adam tar-Rabat. Minn din il-biċċa xogħol kien baqa' din it-tavla li offrihieli ħalli nużaha għal dan il-kurċifiss antik. B'hekk dan il-kurċifiss prezzjuż ġie kompletament restawrat u ngħata lura l-glorja li darba kellu.

## Restawr ta' Kurċifiss Barokk imprezzabbli ieħor

Dan ma kienx l-uniku kurċifiss li ġie restawrat tul din is-sena li għaddiet. Fl-awla l-qadima kien hemm kurċifiss ieħor merfugħ u kien deċiż li jiġi restawrat. Dan il-kurċifiss ukoll kellu xi partijiet tal-injam tiegħu nieqsa biss ma kellux ħsara daqs l-ieħor li kien inġieb minn Kandja. Tul iż-żmien kien inżebagħ aktar minn darba b'mod dilettantesk tant li ġiet kreata skorċa ħoxna ta' żebgħa li għattiet il-fattizzi s-sbieħ ta' dan il-kurċifiss tant li kien tilef il-valur artistiku tiegħu.


Is-salib Barokk waqt ir-restawr

Tant kemm dan il-kurċifiss kien tilef il-preġju tiegħu, li ma baqax jingħaraf minn dak oriġinali. Dan il-kurċifiss ukoll kellu xi partijiet tal-injam neqsin fosthom partijiet mix-xewk tal-kuruna ta' fuq rasu, seba' tal-id u seba' tas-saqajn. Dawn ġew restawrati u maħduma mill-ġdid fl-injam minn Toninu Muscat.

Wara, dan il-kurċifiss ittieħed għand ir-Recoop għar-restawr fejn b'paċenzja kbira tqaxxret iż-żebgħa kollha li kien hemm fuqu, saff wara saff u tneħħiet sakemm waslu biex ħarġet iż-żebgħa tas-saff l-oriġinali. Dan huwa proċess

delikat ħafna għaliex ir-restawratur irid b'paċenzja kbira jneħħi saff wara saff iż-żebgħa mogħtija tul iż-żminijiet mingħajr ma jolqot u jneħħi ż-żebgħa oriġinali.

Wara li tneħħew is-saffi taż-żebgħa kollha, ħareġ korp totalment differenti minn dak li kien jidher qabel. Qabel kien jidher korp b'wiċċ kważi sfigurat mingħajr dettalji u fattizzi. Wara t-tindif ħareġ korp ta' ġmiel liema bħalu. Il-ġilda ta' Kristu hija bajda u tpitter hekk biex tirrifletti r-realtà ta' bniedem mejjet. L-użu ta' dan il-kulur bajdani juri li min kien għamilha kellu sens qawwi ta' anatomija kif bdiet tiġi mifhuma f'dan il-perjodu. Peress li Kristu kien żvina fuq is-salib, il-korp kien bjad u għalhekk il-ġilda ġiet impinġija bajdanija. Biss il-.passjoni u t-tbatija kienu jibqgħu evidenti fuq il-ġilda. Il-mewt tiegħu ma kinetx waħda normali. Bniedem li għadda minn dik il-passjoni kollha kien kundannat biex ikollu numru ta' tbenġil fuq ġismu. L-artist ta' dan il-korp ried joħroġ dan it-tbenġil u ppreżentahom fuq il-korp ta' Kristu permezz ta' tbajja' suwed li jikkreaw kuntrast mal-korp abjad tal-ġisem mejjet. Hekk fuq il-ponot tal-ġisem, bħal ma huma l-pali tas-saqajn, ġew impittra kważi suwed minħabba t-tbenġil kreat mit-tismir. F'ħalq Kristu ġie impitter id-demm biex juri li kien sofra minn emorġija interna, xi ħaġa mistennija f'kundizzjonijiet bħal tiegħu. Din kienet bioloġikament mistennija minn bniedem li kien sofra dik it-tbatija kollha. In fatti, l-artist juri tbenġil fuq sider Kristu. Din turi korrelazzjoni medika bejn l-emorġija interna rappreżentata bid-demm f'ħalq Kristu u dan it-tbenġil fuq sidru. Dawn id-dettalji jkomplu juru li l-artist kien qiegħed jagħmel użu mill-avvanz tax-xjenza medika, speċjalment fl-osservazzjoni ta' ġisem uman quddiem it-tbatija li beda jkun hemm fis-seklu sbatax.



Salib Barokk qabel ir-restawr



Is-salib Barokk waqt ir-restawr

Hija ħasra li s-salib oriġinali ta' dan il-korp kważi ntilef għal kollox. Dan il-korp kellu s-salib tiegħu interzjat. Kull ma fadal hija dik il-minduda tas-salib u minn dak li fadal juri li kien xogħol ta' valur kbir. L-injam użat għall-interzjar ma kienx injam lokali. Kien diffiċli biex jiġi identifikat l-oriġini eżatta ta' dan l-injam. Żgur li fil-ponot ta' dan is-salib kien hemm ukoll irjus tal-injam. Dawn sa issa għadhom ma nstabux. Hija ħasra li minn dan is-salib ma baqa' xejn aktar u għalhekk se jkun diffiċli biex jerġa' jiġi restawrat.

## Aktar Xogħol ta' Restawr

Kif spjegajt qabel, is-sejba tas-salib li nġieb minn Kandja qanqal aktar restawr ta' opri qodma li kellha din il-knisja u li llum ma għadhomx jintużaw. Infatti sar ukoll restawr ta' żewġ slaleb oħra. L-ewwel restawr kien ta' salib li f'Bormla kien hemm numru akbar minnhom iżda li llum kull ma baqa' huwa dan il-wieħed biss. Kif spjegali s-Sur Salvu Attard, is-sagristan, dawn it-tip ta' slaleb kienu jintramaw fuq l-artali tal-ġnub tul żmien ir-Randan. Kienu slaleb sempliċi, miżbugħa bl-iswed bil-korp tal-metall banjat bil-fidda. Dak li kien fadal minn dak il-kurċifiss kien imkisser. Għal darba oħra intalbet il-għajnuna tas-sur Toninu Muscat u dan irrestawrah.



Is-sieq tal-gandlier magħmula mill-elmu qabel ma beda r-restawr



Is-sieq wara li ġiet restawrata

Dawn il-kurċifissi kien ikollhom bażi kbira li kienet tiġi mimlija bir-ramel ħalli s-salib ma jinqalibx. Is-Sur Muscat reġa' kkrealu l-partijiet in-nieqsa li kellu tal-injam, waqt li ħa ħsieb ukoll biex jerġa' jiżbgħu iswed u għal dan ix-xogħol, huwa uża trab li kellu tal-ebbanu (li kien għadu minn ta' żmien missieru) u użah skond kif kienet is-sengħa oriġinali biex b'hekk dan is-salib jerġa' jibda jidher li kien qisu tal-

ebbanu meta kien fil-fatt magħmul minn injam tal-abjad.

L-aħħar salib li kien restawrat kien is-salib tal-maġġur proprjetà tal-fratellanza tal-Madonna tar-Ružarju. Dan kien jagħmel parti minn sett ta' sitt kandlieri tal-prima u sitta oħra tas-sekonda li nħadmu minn Giovanni Farrugia miż-Żejtun fl-1868. In fatti, Farrugia kien tħallas is-somma ta' 102 skudi u 6 grani biex jagħmel tnax-il kandelabru kif ukoll gandlier bil-kurċifiss. Maestro Gio Battista Cassar minn Bormla tħallas 125 skud talli kien indurahom. Il-ħaddied, Lorenzo Abela, wkoll minn Bormla, ħa 5 skudi talli għamel tnax-il bokkin tal-ħadid biex iżommu x-xemgħat. Il-materja prima ġiet mogħtija lilu b'xejn mill-Fratellanza tar-Ružarju stess. Maestro Lorenzo Grima kien għamel il-plattini tal-landa għall-kandilabri waqt li Maestro Salvatore Aquilina tħallas 5 skudi talli għamel il-għata tad-drapp għal dawn il-kandilabri.

Dan Farrugia ma kienx xi mastrudaxxa prim għaliex mir-restawr ħarġu numru ta' nuqqasijiet f'dik li hija ħila u sengħa fl-injam. Biss xorta waħda dan is-salib għandu l-istorja tiegħu u l-valur tiegħu. In fatti, hu magħmul minn numru ta' materjali differenti u ħafna mill-injam użat kien jinsab f'dan il-perjodu biss fit-tarznari tagħna. Illum ma għadekx issib dan it-tip f'Malta kif ġieb u laħaq. In fatti, Farrugia uża njam li kien jintuża fil-bini tal-bastimenti bħal bark li f'dan il-perjodu kienu jibnew fit-tarznari privati li kellna f'Malta.

Il-parti l-kbira ta' dan il-gandlier kien magħmul mill-injam imsejjaħ elmu. Dan kien injam b'saħħtu ħafna u kien jintuża biex jagħmlu minnu t-tmunijiet tal-bastimenti. Din il-parti kienet teħtieġ injam b'saħħtu li jiflaħ għall-ilma. Jekk il-bastiment kien jitlef din il-parti kien jidħol f'periklu kbir għaliex ma jkunx jista' jibqa' jsegwi id-direzzjoni iżda jispiċċa biex imur għal riħu. Wieħed għandu jgħid li din il-parti kienet tkun taħt l-ilma u għalhekk kienet titlob injam b'saħħtu aktar min-normal ħalli ma jitherriex.


Is-salib waqt ir-restawr

Imbagħad il-parti t-twila tal-kandlier tas-salib ġiet maħduma miċ-ċipress. Min-naħa l-oħra s-salib u l-korp kienu maħduma mill-injam tal-punet li wkoll kien injam li jintuża fil-bini tal-bastimenti, iżda kellu l-vantaġġ li jista' faċilment jiġi skolpit. Dan is-salib ma kienx ta' dan il-

kandlier. Jidher li huwa eqdem u kien inkorporat u użat biex isieħeb lil dan il-gandlier. Ħaġa li kienet normali dik il-ħabta.

Dan il-kandlier kellu wkoll bżonn ta' ħafna restawr. Kellu ħafna ħsara. Is-saqajn kellhom isiru kollha mill-ġdid u saru minn *'African oak'*. Il-korp kellu ħafna minnu nieqes u kull parti nieqsa, jiġifieri, l-id, is-saqajn u parti mill-wiċċ, kellhom jinħadmu mill-ġdid. Dan ix-xogħol kollu ta' restawr sar minn Toninu Muscat.

B'hekk permezz ta' dan ix-xogħol kollu ta' restawr reġgħu ngħataw il-ħajja mill-ġdid erba' kurċifissi qodma u importanti li kellha l-knisja ta' Bormla u li tnejn minnhom (jiġifieri l-ewwel żewġ kurċifissi) kienu jappartjenu lill-knisja l-antika, dik li kienet teżisti qabel l-1732.

**Bibliografija**


Ciappara, Frans, *Society and the Inquisition in Early Modern Malta*, Malta, P.E.G., 2000.

Debono, Sandro, *Imago Dei. Sculpted Images of the Crucifix in the Art of Early Modern Malta*, Malta, 2005.